18 ta' Mejju, 1946.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

P.L. Luca Camilleri *versus* Maria Ferro et.

**Lokazzjoni — Rekwiżizzjoni — Dritt ta' l-Inkwilin għall-Fond meta tispiċċa r-Rekwiżizzjoni — "Buona Fede".**

*Ir-rekwiżizzjoni ta' fond waħedha ma ttellifx lill-inkwilin id-dritt li jerġa' jokkupa dak il-fond malli jispiċċaw l-effetti tar-rekwiżizzjoni.*

*Il-fatt li l-inkwilin jagħti istruzzjoni lill-Awtorità rekwiżizzjonanti biex tħallas il-kera direttament lis-sid ma jammontax għal rinunzja għall-inkwilinat.*

*Jekk meta l-fond jiġi derekwiżizzjonat is-sid jikrieh lil ħadd ieħor, u dan jokkupah "in buona fede", din il-"buona fede" ma għandha ebda influwenza f'kawża li jagħmel l-inkwilin kontra s-sid biex jiġi lilu rikonoxxut id-dritt ta' l-inkwilinat fuq dak il-fond.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, li biha l-attur, wara li qal li l-konvenuti jipposjedu bejniethom id-dar nru. 6, Pretty Bay, Birżebbuġa, li kienet ilha mikrija lilu xi 20 sena u kienet minnu detenuta sal-15 ta' Mejju 1942, meta ġiet rekwiżita mill-Awtorità Militari; u li kien hemm l-intiża li ċ-ċwievet tad-dar kellhom jiġu ritornati lilu malli dik l-Awtorità tħalli d-dar; u li l-konvenuti krew id-dar lil ħaddieħor; talab li jiġ dikjarat u deċiż li l-konvenuti krew l-imsemmija dar lil ħaddieħor abużivament u in vjolazzjoni tad-dritt li hu kellu rigward l-istess dar; b'riżerva ta' drittijiet oħra, u bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-29 ta' Ottubru 1945, li biha ġiet

milqugħa t-talba bl-ispejjeż kontra l-konvenut, ħarra dawk tad-digriet tas-17 ta' Novembru 1944, li saru inutilment u li għalhekk għandhom jbatuhom l-atturi; wara li dik il-Qorti kkunsidrat;

Li mill-provi rriżulta li d-dar in kwistjoni kienet sa minn bosta snin mikrija lil P.L. Luca Camilleri, u f'Mejju 1942, ġiet rekwiżizzjonata mid-Dipartiment tal-Gwerra u okkupata min-nies ta' dan id-Dipartiment. Mill-provi li saru rriżulta biss li l-P.L. Luca Camilleri ried li ma' l-Awtorità Militari jarawha s-sidien fuq l-effetti tar-rekwiżizzjoni, iżda b'daqshekk ma jiġix li l-P.L. Luca Camilleri rrinunzja għall-kirja, u wara d-derekwiżizzjoni kellu d-dritt jerġa' jieħu taħt idejh id-dar, għaliex ir-rekwiżizzjoni waħedha ma tellifx id-dritt ta' l-inkwilin li jerġa' jokkupa d-dar meta l-effett tar-rekwiżizzjoni jispiċċa; u mill-kumpless tal-provi jidher ċar li s-sidien ma kellhom ebda raġuni jobsru li l-P.L. Luca Camilleri ried jirrinunzja għall-inkwilinat. Il-fatt li huwa ried li s-sidien jiġbru l-kera direttament minn għand l-Awtorità Militari huwa "modus vivendi" temporanju biss. Meta l-Militar telaq id-dar, Carabott, li kien jieħu ħsieb jiġbor il-kera, qal lil Maria Ferro li d-dar kienet mikrija lil P.L. Luca Camilleri, u b'dana kollu d-dar ġiet mikrija lil ħaddieħor;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenuti Maria Ferro, Dr. Angelo u Dr. Giuseppe Attard Montalto u rat il-petizzjoni tagħhom fejn talbu li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li d-domanda ta' l-attur tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi rriżulta mill-provi li d-dar in kwistjoni kienet ila......... Wara li saret dik ir-rekwiżizzjoni, il-P.L. Luca Camilleri ma kompliex iħallas kera tad-dar, u l-proprjetarji bdew idaħħlu direttament il-kera minn għand l-Awtorità Militari, u dan ġara fuq istruzzjoni li l-istess P.L. Camilleri ta lil dik l-Awtorità. Meta spiċċat dik ir-rekwiżizzjoni, id-dar ġiet mill-proprjetarji mikrija lill-appellant Kaptan Serafino Xuereb bil-kera ta' £27 fis-sena;

Ikkunsidrat;

Illi l-appellanti jippretendu li l-imsemmi P.L. Luca Camilleri, meta saret ir-rekwiżizzjoni, irrinunzja għal-lokazzjoni tad-dar billi huwa ta 'struzzjoni biex il-kera jibda jitħallas direttament lill-proprjetarji, u billi meta l-Militari telqu d-dar, il-kwistjonijiet fuq id-danni u r-r'parazzjonijiet ġew mittebma direttament bejn l-Awtorità Militari u l-proprjetarji, li rċevew il-konsenja tad-dar mingħajr ebda intromissjoni tal-P.L. Camilleri. Dawna l-fatti però ma jġibux neċessarjament għar-rinunzja pretiża mill-appellanti. Huwa infatti magħruf li f'bosta każi ta' rekwiż'zzjoni l-Awtorità Militari kienet tħallas il-kumpens lill-proprjetarji mingħajr b'daqshekk ma ġie intakkat id-dritt ta' l-inkwilin, li jerġa' jidħol fit-tgawdja tal-fond meta l-effetti tar-rekwiżizzjoni jkunu spiċċaw. Il-fatt li l-P.L. Luca Camilleri qal lill-Awtorità Militari biex iħallsu direttament il-kera lill-proprjetarji għandu jiġi, in baż' għall-provi mressqin, interpretat li huwa ma riedx joqgħod iħabbel moħħu għad-determinazzjoni tal-kumpens, u ma riedx jidħol għat-taħbit li dejjem jinqala' wara fuq id-danni li jsiru fid-dar u r-riżarċiment tagħhom. Huwa w'sq verosimili li l-P.L. Luca Camilleri, li kien ta' età inoltrata ħafna, billi meta miet kellu madwar 90 sena, kellu f'moħħu l' jevita inkwiet u taħbit meta ta l-istruzzjoni fuq imsemmija lill-Awtorità Militari;

Ikkunsidrat;

*Illi lanqas* [illegible] *'* jittieħed bħala argument favur it-teżi ta' l-appellanti l-kontenut ta' l-ittra minnhom eżibita f'dina l-istanza (fol. 33). Minn dik l-ittra huwa eskluż li l-P.L. Luca Camilleri qatt irrinunzja għal-lokazzjoni tad-dar fuq imsemmija, iżda billi dik il-lokazzjoni kienet ġiet forzatament interrotta minħabba r-rekwiż'zzjoni, l-istess P.L. Luca Camilleri nsista li kellu dritt, wara li dik ir-rekwiżzzjoni spiċċat, li *l-fond jerġa' jiġi mogħti* lilu skond il-liġi (art. 1683 (a) tal-Kodiċi Ċivili), u skond il-patt li kien sar bejniethom, patt li għalkemm kellhom l-opportunità, ma ġiex miċħud m'll-appellanti;

Ikkunsidrat;

Illi r-rinunzja pretiża mill-appellanti tinsab anki eskluża

miċ-ċirkustanzi hawn taht miġjuba:—..............;

Ikkunsidrat;

Illi, kif ingħad fuq, wara li spiċċat ir-rekwiżizzjoni, il-fond ġie mikri lil Kaptan Serafino Xuereb, u dana, billi huwa interessat, ġieb 'il quddiem appell kontra s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti bis-saħħa tad-dispożizzjoni ta' l-art. 234 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivil. Dak l-appell, bħal dak ta' l-appellanti l-oħra, ma jistax jiġi milqugħ għar-raġunijiet fuq miġjuba, u l-kwistjoni tal-"buona fede" minnu akkampata ma jistax ikollha influwenza f'dan il-każ fejn hija mitluba biss konstatazzjoni ta' dritt di fronti għall-appellanti u fejn il-"buona fede" jew "mala fede" ta' l-appellanti Kaptan Xuereb ma tista' qatt issaħħah jew tippreġudika dak id-dritt;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk miġjubin fis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell tal-konvenuti Maria Ferro, Dr. Angelo u Dr. Giuseppe Attard Montalto, bl-ispejjeż kontra tagħhom; u tirrespinġi l-appell tal-Kaptan Serafino Xuereb bl-ispejjeż kontra tiegħu. U hekk tikkonferma s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fid-29 ta' Ottubru 1945; u salv kwalunkwe dritt ta' l-appellant Xuereb jekk u kif trid il-liġi.